31999D0515

4.8.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 205/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI
tal-31 ta' Mejju 1999
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u Georgia, fuq in-naħa l-oħra

(1999/515/KE, KEFA, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57 (2), 71, 80 (2), 93, 94, 133 u 308, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat Konsultattiv tal-KEFA u bil-kunsens tal-Kunsill,

Wara li kkonsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Eneġiija Atomika,

(1) Billi konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u Georgia, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat fit-22 ta' April 1996 fil-Lussemburgu, jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Komunitajiet Ewropej;

([1]) ĠU C 115, 14.04.97, p. 187.

(2) Billi l-iskop ta' dak il-Ftehim huwa li jsaħħaħ ir-rabtiet stabbiliti partikolarment bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi dwar kummerċ u koperazzjoni ekonomika u kummerċjali, iffirmat fit-18 ta' Diċembru 1989 u approvat mid-Deċiżjoni 90/116/KEE ([2]);

(3) Billi ċerti obbligi, li jipprovdi għalihom il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni barra mill-iskop tal-politika ta' kummerċ tal-Komunità, jeffettwaw jew għandhom mnejn jeffettwaw, l-arranġamenti kif elenkati fl-atti tal-Komunità, adottati fl-inħawi tad-dritt ta' stabbiliment, transport u trattament ta' intraprizi;

(4) Billi l-arranġament imsemmi jimponi fuq il-Komunità Ewropea ċerti obbligi fir-rigward ta' ċaqlieq ta' kapital u investimenti bejn il-Komunità u Georgia:

(5) Billi, minbarra dan, safejn il-Ftehim imsemmi jeffettwa d-Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal għaqdiet ta' sħubija, qsim, trasferiment ta' assi, u bdil ta' ishma fir-rigward ta' kumpanniji ta' Stati Membri differenti ([3]), u Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli fil-każ ta' kumpaniji u sussidjarji ta' Stati Membri differenti ([4]), li huma bażati fuq l-Artikolu 94 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej, dak l-Artikolu għandu jintuża bħala bażi legali;

([2]) ĠU L 68, 15.03.90, p. 1.
([3]) ĠU L 225, 20.08.90, p. 1.
([4]) ĠU L 225, 20.08.90, p. 6.

(6) Billi ċerti disposizzjonijiet ta' l-imsemmi ftehim jimponu fuq il-Komunità obbligi fil-qasam tal-provediment ta' servizzi li jmorru lil hinn mill-qafas tal-qsim ta' fruntieri;

(7) Billi għal ċerti disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Ftehim li għandhom ikunu implimentati mill-Komunità, it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ma jagħmel ebda provediment għal setgħat speċjali; billi jkun għalhekk meħtieġ li ssir referenza għall-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u Georgia, fuq in-naħa l-oħra, flimkien mal-protokoll, dikjarazzjonijiet u Skambju ta' Ittri, huma approvati f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

It-testi huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-posizzjoni li se tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Koperazzjoni u fi ħdan il-Kumitat ta' Koperazzjoni meta dan ta' l-aħħar ikollu s-setgħa li jaġixxi mill-Kunsill ta' Koperazzjoni, titfassal mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, jew fejn japplika, mill-Kummissjoni, kull waħda skond id-disposizzjonijiet korrispondenti tat-Trattati li jistabilixxu l-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Azzar u l-Faħam, u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

2. Skond l-Artikolu 82 tal-Ftehim dwar Sħubija u Koperazzjoni, il-President tal-Kunsill għandu jippresiedi l-Kunsill ta' Koperazzjoni u jippreżenta l-posizzjoni tal-Komunità. Rappreżentant tal-Kummissjoni jippresiedi l-Kumitat ta' Koperazzjoni skond ir-regolamenti ta' proċedura u jippreżenta l-posizzjoni tal-Komunità.

3. Id-deċiżjoni li jkunu publikati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Koperazzjoni u l-Kumitat ta' Koperazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għandha tittieħed mill-Kunsill u l-Kummissjoni skond il-każi individwali.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika skond kif provdut fl-Artikolu 104 tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea. Il-President tal-Kummissjoni għandu jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Azzar u l-Faħam u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni	*F'isem il-Kunsill*
J. SANTER	*Il-President*
Il-President	O. SCHILY